MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 13/2003

Island Insurance Brokers Limited ,
Atlas Insurance Agency Limited ; u
GasanMamo Insurance Ltd .

vs

Victor Hili f'ismu proprju ; u
is-Soċjeta' Mgarr Rent-A-Car limited .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu s-soċjetajiet atturi talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx jiġi kkundannati minn din il-Qorti sabiex iħallsuhom is-somma ta' elfejn, mitejn disgħa u erbgħin lira u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm2,249.61c) rappreżentanti ħlas fuq premia ta' poloz ta' l-assikurazzjoni maħruġa mis-soċjetajiet attriċi fuq vetturi self-drive fuq inkarigu tiegħek, Victor Hili, u mhux imħallsa skond kif jidher fil-prospett meħmuż u mmarkat Dok. A .

Interpellat sabiex tħallas, inti bqajt inadempjenti u għalhekk kellha tinbeda dina l-kawża .

Bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet legali skond il-liġi kontra l-konvenuti jew min minnhom, li minn issa huma nġunti in subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :

1. Illi l-eċċipjent Victor Hili personalment qatt m'għamel negozju mas-soċjetajiet attriċi dwar ħruġ ta' poloz ta' l-assikurazzjoni li tagħhom qed jintalab il-ħlas mill-istess atturi u għaldaqstant għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju ;

2. Illi l-poloz tal-assikurazzjoni kienu ntalbu u nħarġu fl-interess tas-soċjeta' Mgarr Rent-A-Car Limited li f'xi żmien kellha n-negozju tal-karrozzi self-drive u l-eċċipjent Victor Hili proprio m'huwa debitur fl-ebda ammont pretiż mill-atturi ;

3. Illi l-ammont pretiż mill-atturi qed jiġi kkontestat bħala esaġerat u li mhuwiex dovut fl-intier tiegħu ;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjetajiet attriċi bħala ditti assikuraturi jew agenziji ta' ditti esteri, qed jitolbu mingħand il-konvenuti l-ħlas tal-premia ta' numru ta' poloz ta' assikurazzjoni li ħarġu fuq diversi karozzi tal-kiri għall-perijodu 2001 – 2002 .
Il-konvenut Victor Hili qed jikkontesta t-talba għar-raġuni li dawn il-karozzi ma kienux tiegħu imma ta' soċjetajiet kummerċjali li tagħhom huwa kien biss direttur .

Is-soċjeta' konvenuta Mgarr Rent-a-Car Limited da parti tagħha tikkontendi illi l-ammont mitlub mhux kollu dovut .

Irriżulta mill-kopji ta' numru ta' *log books* esebiti mill-konvenuti, illi uħud mill-karozzi li dwarhom qed jintalab il-ħlas kienu reġistrati fuq is-soċjeta' "Victor Hili and Sons Ltd" . Dawn huma l-karozzi bin-numri ta' reġistrazzjoni : EAK 546, DAK 435, DAK 434, DAK 431, DAK 432.[1] Żgur għalhekk illi ta' l-inqas fir-rigward ta' dawn il-vetturi t-talba ma tistax tkun ġustifikata, ġialadarba mhix indirizzata lis-soċjeta' li lilha kienu jappartjenu .

Madankollu baqgħet ma tressqet ebda prova simili fir-rigward tal-karozzi l-oħra li dwarhom qed jintalab ukoll il-ħlas . Fil-kors tas-smiegħ tal-kawża l-konvenuti allegaw illi l-ammont mitlub kien tħallas in segwitu għall-mandat ta' sekwestru li kien sar minn Galea General Services Limited kontra l-konvenut Victor Hili u s-soċjeta' Victor Hili and Sons Ltd. fis-sena 2003 . Imma kif spjega tajjeb Michael Galea għan-nom ta' din il-kumpanija fl-affidavit tiegħu tal-11 ta' Mejju 2006, dawn il-ħlasijiet kienu jirreferu għall-premia ta' vetturi kummerċjali li kellha s-soċjeta' "Victor Hili and Sons Limited," u mhux għall-karozzi tal-kiri ta' l-istess soċjeta' [2] .

L-*invoices* li dwarhom qed jintalab il-ħlas huma ndirizzati lil "Victor Hili, Mgarr Rent-a-Car, Shore Street, Mgarr GSM 104, Gozo." [3] Ma jirriżultax illi dan qatt oġġezzjona li l-kontijiet ġew maħruġa f'ismu, u għalhekk fin-nuqqas ta' prova illi l-vetturi ndikati f'dawn l-*invoices*, esklużi dawk imsemmija hawn fuq, kienu jappartjeni lil xi ħadd ieħor, ma jibqa' ebda raġuni għaliex it-talba attriċi m'għandhiex tintlaqa' sa fejn tirrigwarda dawn il-vetturi, fil-konfront biss pero' tal-konvenut Victor Hili proprio, billi ma rriżultax illi dawn il-kontijiet qatt ġew indirizzati lis-soċjeta' Mgarr Rent-a-Car Limited u wisq inqas li qatt kien sar xi negozju magħha .

---

[1] Ara Dokti. VH 13 a fol. 164 tal-process ; VH14 a fol. 165; VH 11 a fol.162; VH 10 a fol. 161 u VH 9 a fol. 160.
[2] Ara affidavit ta' Michael Galea, Dok. MG a fol.119 - 120 .
[3] ara Dokti. JA 1 a fol 59 u JA 2 a fol. 67 .

Mill-poloz ta' assikurazjoni tal-vetturi li rriżulta li kienu jappartjenu lis-soċjeta' "Victor Hili and Sons Ltd.", hawn fuq indikati, jirriżulta illi għall-karozza :

EAK 546 kien dovut l-ammont ta' : Lm181.50[4]
DAK 435 ………………………… Lm181.50[5]
DAK 434 ………………………… Lm181.50[6]
DAK 431 ………………………… Lm181.50[7]
DAK 432 …………………………. Lm181.50[8],

B'kollox ghalhekk : Lm907.50

Għaldaqstant jiġi li għadu dovut lis-soċjetajiet attriċi mill-konvenut Victor Hili, l-ammont mitlub fl-Avviż, u ċioe' Lm2249.61 nieqes Lm907.50 = Lm1342.11 .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tillibera lis-soċjeta' konvenuta Mgarr Rent-a-Car Limited mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż relattivi kontra s-soċjetajiet atturi, tilqa' *in parte* t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut Victor Hili jħallas lill-istess soċjetajiet atturi s-somma ta' elf tliet mija tnejn u erbgħin lira maltija u ħdax-il ċenteżmu (Lm1342.11) .

Bl-ispejjeż l-oħra u l-imgħaxijiet relattivi fuq dan l-ammont, mid-data tal-*invoices* imsemmija sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut Victor Hili .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] a fol . 75 .
[5] a fol. 79 .
[6] a fol. 80 .
[7] a fol. 81 .
[8] a fol. 83 .